MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru 490/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**ABDALJABAR ALAADDEN MUSBAH S**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Abdaljabar Alaadden Musbah S ta' 29 sena iben Musbah u Ureda xebba Sehli imwieled Tripoli Libja u residenti 17 Sqaq il-Luzzu Sliema u detentur ta' Passaport Libjan No: W 829032 u ID card 44380(A).

Billi gie akkuzat talli fil-5 ta' Marzu 2010 f'dawn il-Gzejjer gieghel annimal issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq

minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Att 25 ta' l-2001 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok AP1 u nnutat li l-imputat Abdaljabar Alaadden Musbah S m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 8(2), 8(3) u 45(1) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Abdaljabar Alaadden Musbah S, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Abdaljabar Alaadden Musbah S ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u sitt mija u disa' u disghin Euro (Euro 699) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Abdaljabar Alaadden Musbah S jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Abdaljabar Alaadden Musbah S l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------